MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 682/2004

**Avviz numru 682/04DM**

**Innocent u Cathy konjugi Farrugia**

**Vs**

**Gordon u Oriana konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u erbghin lira Maltin (Lm3,740) rappresentanti bilanc dovut minnhom minn ammont akbar skond skrittura privata datata tmintax (18) ta’ Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra legali datata tlieta (3) ta’ Novembru, 2004, u bl-imghax legali mit-18 ta’ Ottubru,

2002, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn il-konvenuti assistiti minn Dr. Mark Attard Montalto taw ruhhom notifikati u ammettew it-talba attrici, izda talbu li jinghataw beneficcju ta' terminu ghall-hlas permezz ta' rati mensili egwali u konsekuttivi ta' mitt lira Maltin (Lm100) bl-ewwel pagament dovut fit-30 ta' April, 2005. Bl-imghax dekorribbli bir-rata ta' erbgha punt tmienja hamsa fil-mija (4.85%) b'effett mit-18 ta' Ottubru, 2002, u bil-kundizzjoni illi f'kaz illi l-konvenuti jkunu moruzi f'pagamenti ammontanti komplessivament ghal zewg (2) rati l-bilanc isiru dovuti mmedjatament u jintilef il-beneficcju tat-terminu moghti lilhom ghall-hlas.

Rat ukoll illi l-attur Innocent Farrugia assistit minn Dr. Michael Grech aderixxa ghal din it-talba u ddikjara li huwa lest illi jikkoncedi t-terminu ghall-hlas lill-konvenuti u l-partijiet talbu li tinghata sentenza f'dan is-sens, bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, seba' mija u erbghin lira Maltin ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' erbgha punt tmienja hamsa fil-mija (4.85%) b'effett mit-18 ta' Ottubru, 2002, izda l-konvenuti qed jigu moghtija beneficcju tat-terminu ghall-hlas ta' dan l-ammont, liema hlas jista' jsir permezz ta' rati mensili ugwali u konsekuttivi ta' mitt lira Maltin (Lm100) bl-ewwel (1) rata dovuta fit-30 ta' April, 2005, u bil-kundizzjoni illi f'kaz li l-konvenuti jkunu moruzi fil-pagamenti f'ammont ekwivalenti komplessivament ghal zewg (2) rati, il-bilanc kollu li jkun dovut dakinhar jsir dovut immedjatament u l-konvenuti jitilfu l-beneficcju tat-terminu ghall-hlas tal-bilanc li jkun baqa'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------